## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 405/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Darren Bonnici**

**<u>Illum, 9 ta' April, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Darren Bonnici** detenur tal-karta tal-identita Maltija **558981M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-29 ta Dicembru 2020 ghall habta ta 22.10Hrs fi Triq San Dwardu, Birgu:

(1). Saq vettura Nru.DBL476 minghajr ma kont qed taghmel uzu mis 'Seat Belt.'

(2). Saq l-imsemmija vettura Nru. DBL476 minghajr ma kienet koperta b'polza ta assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

(3). Saq vettura Nru.DBL476 li ma kelliex licenzja sabiex tintuza fit-triq.

(4). Kif ukoll kellu l-imsemmija Nru.DBL476 minghajr ma kellha licenjza ghac-cirkolazzjoni valida jew permess ghac- cirkolazzjoni validu jew diska ta' licenzja temporanja valida mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Ottubru,2023, fejn illiberat lill-imputat mir-raba' akkuża stante illi l-piena applikabbli taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 m'hijiex erogabbli mill-Qorti iżda ssibu ħati tal-bqija tal-akkużi u kkundannatu jhallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800).

B'żieda mal-piena l-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill- imputat appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u sittax- il ġurnata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Darren Bonnici preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Dicembru ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat Darren Bonnici hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

2. Tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat Darren Bonnici mhux hati tar-raba (4) imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

3. Tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat Darren Bonnici hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u

4. Minflok ghar-raġunijiet fuq premessi ssib lill-imputat Darren Bonnici hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu tinfliġġi l-piena idoneja kontra l- imputat skont il-Ligi ghar-reati addebitati lilu.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi, l-esponent hassu aggravat bis-sentenza mogħtija nhar il-31 ta' Ottubru 2023.

Illi, qabel xejn, f'dan ir-rigward tas-sentenza, l-esponent jixtieq iqajjem in-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti abbażi tal-Artiklu 382 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan għaliex l-esponent ma ngħata l-ebda sentenza bil-miktub li fuqha seta' jappella, di piu'

kellu jintalab il-verbal tas- sentenza li ġiet mogħtija fit-3 ta' Novembru 2023 u dan meta t-terminu tal-appell kien diga' beda jiddekorri. Fil-verbal hawn anness Dok A mhemmx raġunijiet iddettaljati, l-ebda akkużi indikati u lanqas artikoli tal-liġi a bażi ta' liema ġie misjub hati.

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti talMagistrati. In fatti 1-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghall-validita ta' sentenza.

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti:- "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub hati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull ligi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is- sentenza taghha:

- Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

- Tagħti l-piena lill-hati u

- Isemmi l-artikolu tal kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfissra imwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala rizultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti m'humiex semplici formalita' izda rekwiziti necessarji ghall-validita' tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et** [1] il-Qorti irriteniet li:-

> "*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, linosservanza ta' xi wieħed irrekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'.*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[2], gie ritenuto li:-

> "*in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan- nuqqas ta' formalita' sostanzjali*".

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f' wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis- sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

Illi, l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, m'hijiex li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b'apprezzament tagħha, iżda li tagħmel eżami approfondit tal-atti proċesswali sabiex tara jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u raġjonevolment tasal għad-deċiżjoni li fil-fatt waslet għaliha.

[1] Vol LXXXII 1999 part IV pagna 340

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-3 ta' Frar 1995

Illi, f'dan il-kuntest l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment issib htija fl-esponent fuq l-ewwel u t-tieni akkuza miġjuba kontrieh u dana stante li minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta b'mod car:

1) li ma ngabet l-ebda prova fir-rigward jekk l-appellant kienx verament liebes seat belt; u

2) li ghal-kuntrarju ta' dak li qalet il-Prosekuzzjoni kien hemm polza ta' assikurazjoni vigenti fid-29 ta' Dicembru 2020.

Fil-fatt jekk wiehed jifli l-affidavit ta' Ps 31 kull ma jirrizulta minnu fir-rigward tal-ewwel akkuza, hu, li l-appellant "*ma kienx liebes ic-cinturin tas-sigurta*".

Illi **Artiklu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12** tistabilixxi li:

> *3. Kull xufier ta' vettura bil-mutur li ma hix karrozza tal-linja ghandu jilbes cintorin tas-sigurtà waqt li jkun qed isuq il-vettura fi triq pubblika:*

Izda dan ikun il-kaz sakemm is-sedil tax-xufier ikun mghammar b'cintorin tas-sigurtà.

Illi ghalhekk kien sta ghal-prosekuzzjoni li tistabilixxi jekk is-sedil tal-vettura bin-numru DBL476 kinitx mghammra b'cintorin tas-sigurta. Il-prosekuzzjoni kellha l-possibilita li taghmel dan izda fl-affidavit kull ma qalet kien, li x-xufier kien bla cintorin u ma tat l-ebda informazzjoni ohra biex tistabilixxi li meta l-vettura giet immanifatturata, c-cinturin tas-sigurta kien parti mill-istess manifattura.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir- raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[3], il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Illi fir-rigward it-tieni akkuza, Ps31 ikkonkluda li l-vettura bin-numru DBL 476 kienet misjuqa mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni mentri fil-verita din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni hekk kif rikjest mill-ligi u ghalhekk l-vettura kienet assigurata kontra riskji ta' terzi. Dan jidher car mill-polza ta’ assigurazzjoni prezentata fil-31 ta' Ottubru 2023, anness u mmarkat Dok B. Illi ghalhekk ma seta' qatt jinsab hati tat-tieni imputazzjoni.

Kwalunkwe polza ta' assigurazzjoni tas-sewqan tiġi mahruġa lill-policyholder, li f'dan il-każ ma' kienx l-imputat iżda kienet ċertu Ingrid Bonnici, u tispeċifika ukoll dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jsuqu l-vettura, li f'dan il-każ kienet il-policyholder and any driver aged 25 years and over. F'dan il-każ l-Prosekuzzjoni ressqet din l-akkuza kontra l-appellant meta fir-realta fid-data tad-29 ta' Dicembru 2020, il-vettura kienet koperta hekk kif jindika Dok Bu l-appellant kellu -il fuq min 25 sena u allura kien xufier awtorizzat skond il-polza in kwistjoni.

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **il-Pulizija vs John Agius** datata 13 ta' Ottubru, 2010 fejn senjatament b'referenzi ghal sentenzi ohra intqal;

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta’ Dicembru, 1997

*"Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan bla kopertura ta' polza t'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti: "**Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi**" [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl- akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li l-vettura li kien qed isuq kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni. F'dik il-kawza l-appellant kien silet b'success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 li jghid testwalment hekk ;-*

*'Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is- subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l- Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal- artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil- persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis- sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija ...." (sottolinear ta' din il- Qorti). Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.*

Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fissubartikolu (2) u (3), anki meta l- assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-

polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.'

Illi għalhekk, dan juri biċ-ċar, li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal għal tali konklużjoni u dan għaliex il-fatt li l-vettura bin-numru DBL 476 ma kelliex liċenzja sabiex tintuża fit-triq ma jfissirx li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni vigenti dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u għaldaqstant qatt ma setghet tinstab htija.

Rat l-atti tal-kawza inkluz in-nota ta' referenza tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta din l-Onorabbi Qorit nhar is-6 ta' Frar 2024.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024.

<u>**Ikkunsidrat.**</u>

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li s-sentenza li huwa inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla u dan ghaliex ma kienx fiha r-rekwiziti ta' dak li jitlob l-**artikolu 382** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa logiku li dan ikun kunsidrat *in primis.*

L-ewwel aggravju tal-appellant tikkoncerna nullita u dan ghaliex fil-fehma tieghu is-sentenza li huwa inghata u cioe kopja tal-komparixxi ma kellhiex ir-rekwiziti stabbilita fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex fil-verbal tal-Qorti li l-appellant qed jaqra bhala sentenza hemm imnizzel li :-

> *" Il-Qorti tilibera lill-imputat mir-raba (4) akkuza stante li l-pien ma hiex erogabbli mill-qorti skond gurisprudenza tal-Qorti tal-appell. Issibu hati tal-akkuzi fuq numru wiehed (1) u tnejn (2) u tliena (3). Tikkundannah ihallas l-multa ta euro 2800 b'zieda mal-piena il-qorti qieghda*

*tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta tnax-il xahar sitax-il gurnata"*

Dan il-verbal jinsab esebit fl-atti a fol. 23. Jigi rilevat minnufih pero li fl-atti a fol. 44 hemm esbiti sentenza moghtija nhar il-31 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **il Pulizija vs Darren Bonnici**, liema sentenza hija dattilografata. F'din l-istess sentenza hemm miktub l-akkuzi li bihom gie akkuzat l-appellant, id-dikajrazzjoni ta' htija dwar l-akkuzi li instab hati u cioe l-ewwel zewg akkuzi u hemm ukoll indikat l-artikoli tal-ligi li jirriflettu l-akkuzi li taghhom instab hati. Illi din hija is-sentenza vera li nghatat mill-Qorti dak li hemm imnizzel fil-verbal ma hux is-sentenza li inghatat fil-konfront tal-appellant. Il-verbal jirrifletti biss dak li sehh fl-awla u gie registrat mid-deputat registratur u dan in rifless ta' dak li intqal mill-Magistrat seduta stante. Minn imkien pero ma jirrizulta li dan il-verbal ghandu jissostwixxi is-sentenza misjuba esebita a fol. 24. Jidher ukoll kuntrarjament ghal dak li stqarr l-appellant is-sentenza kienet gja miktuba zgur almenu l-ghada l-1 ta' Novembru 2023 meta kopja taghha intbaghtet lil Transport Malta skond email esebit fl-atti a fol. 29. Ghalhekk din il-Qorti qatt ma tista tqis li l-kopja tal-verbal tal-Qorti tat-31 ta' Ottubru, 2023 esebit mar-rikors tal-appell setgha qatt jigi kkunsidrat bhala sentenza tal-Qorti. F'dan il-verbal hemm biss riassunt ta' dak li intqal fl-awla. Anke fil-komparixxi fejn hemm dak miktub mill-Magistrat *a suo pugno* jirrizulta li hemm citati l-artikoli tal-ligi u d-dikjarazzjoni tal-htija. Dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju jinghad li l-ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u regonevolment issib htija fl-appellant fuq l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontrih u dan stante li minn esami tal-atti processwali jirrizulta fil-fehma tieghu li ma ingabet l-ebda prova fir-rigward jekk l-appellant kienx verament liebes *seat belt* u li ghal kuntrarju ta' dak li qalet il-prosekuzzjoni kien hemm polza ta' assikurazzjoni vigenti fid-29 ta' Dicembru, 2020.

Illi ghalhekk dan ifisser li din il-Qorti trid tesamina mill-gdid il-provi kollha akkweziti u dan sabiex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed '*safe and satisfactory*'.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010;

**Il-Pulizija vs Omisses u Francis Meli et** fit-23 ta Frar 2016

kollha appelli kriminali.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

PS 31 Mario Farrugia xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti a fol. 2. Spjega li nhar id-29 ta' Dicembru, 2020 waqt illi l-pulizija tad-distrett numru 4 kienu qed jghamlu patrol fit-toroq hekk kif awtorizzata bil-miktub mis-supretendent Micallef gewwa Triq San Dwardu, Birgu ghall-habta tal-22.10 p.m waqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni DHL 476 ta' l-ghamla Peugeot ta' kulur abjad fejn gie nnutat illi x-xufier ma kienx liebes ic-cinturin tas-sigurta kif ukoll illi l-imsemmija vettura kellha l-licenzja

li kienet imwahhla mal-windscreen skaduta. Ghaldaqstant ta istruzzjonijiet lix-xufier ta l-imsemmija vettura sabiex jitfa fil-genb tat-triq jinzel mill-imsemmija vettura kif ukoll jipproduci l-licenzja tas-sewqan kif ukoll id-dokumenti tal-licenzja u assigurazzjoni tal-vettura.

Ix-xufier tal-vettura irrizulta li kien Darren Bonnici illi pprovda id-dokumenti tieghu, izda ma kellhiex licenzja valida fil-vettura. Ghalhekk sar kuntatt ma l-ghassa fejn irrizulta illi l-vettura DBL 476 kellha l-licenzja ta' cirkolazzjoni kif ukoll il-polza ta' assigurazzjoni skaduti.

Darren Bonnici gie ordnat sabiex ma jsuqx l-imsemmija vettura kif ukoll inehhi il-vettura mit-triq sakemm jirregola ruhu. Darren Bonnici detentur tal-karta tal-identita 558981(M) gie infurmat illi ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu talli kien qieghed isuq vettura minghajr licenzja u polza ta' assigurazzjoni kif ukoll kien qieghed isuq il-vettura minghajr cinturin tas-sigurta.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** ghan nom ta' Transport Malta esebit fl-atti a fol 12 fejn stqar li minnn indagini li ghamel fir-rekords tal-Awtorita ta' Transport Malta rrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBL 476 tal-marka Peugeot Partner fid-29 ta' Dicembru, 2020 kienet registrata fuq Ingrid Bonnici. Din il-vettura kienet hekk registrata bejn it-8 ta' Ottubru 2019 u s-27 ta' April 2021 meta giet trasferita fuq terzi. Il-licenzja tal-imsemmija vettura skadiet fit-30 ta April 2020 u giet rinovata fil-15 ta' Jannar 2021.

Anness mal-affidavit tieghu esebit fl-atti hemm dokument mahrug minn Transport Malta mmarkat bhala Dok VERA. Minn esami ta l-istess jirrizulta li l-vettura ġiet registrata l-ewwel darba fis-26 ta' Mejju 2004 f'isem Ludwig Bonnici u giet transferita kemm il-darba  sakemm spiccat tghajjat lil Ingrid Bonnici fit-8 ta' Ottubru 2019.

Ezaminat ukoll l-okkorenza esebita fl-atti l-PIRS report data 30 ta' Dicembru, 2020 redatt minn PC 595 Jean Claude Abela li fl-ebda hin ma gie konfermat minnu u ghalhekk ser jigi skartat bhala prova inammissibli.

Rat il-kopja tal-polza ta sigurta prezentata mid-difiza nhar il-31 ta' Ottubru 2023 a fol. 22. Li hija mahruga f'isem Ingrid Bonnici u li tkopri l-perijodu ta' bejn 22 ta' Gunju

2020 18.19 CET sat-30 ta' April 2021 23.59CET. Jinghad f'din il-polza li ukoll ma gietx konstata minkejja li hija fotokopja tkopri lix-xufiera kollha li ghandhom 'l fuq minn 25 sena purche isuq l-vettura bil-permess tal-policy holder u cioe Ingrid Bonnici f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat.**

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza l-appellant isosti li l-prosekuzzjoni ma pprovatx din l-akkuza minkejja li PS31 Mario Farrugia jghid fl-affidavit guramentat tieghu li meta waqqaf lill-appellant fi Triq San Dwardu , Birgu dan kien minghajr cinturin tas-sigurta.

L-**Artikolu 3 tal-LS 65.12** tistabilixxi li:

> *" kul xufier ta' vettura bil-mutur li ma hiex karozza tal-linja ghandu jilbes cinturin tas-sigurta waqt li jkkun qed isuq il-vettura fi Triq publika."*
>
> *Izda dan ikun il-kaz sakemm is-sedil tax-xufier ikunmghammar b'cinturin tas-sigurta."*

Issa l-artikolu 95 (2) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 imsejha Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur jipprovi li :-

> *(2) Għandu jkun hemm imwaħħla ċintorini tas-sigurtà fuq is-sedili* ***kollha***[4] *f'dawn il-vetturi bil-mutur li ġejjin li huma reġistrati biex jintużaw fit-toroq f'Malta:*
>
> *(a) vetturi M1, M2 u N1 manifatturati fl-1 ta' Jannar,1998, jew wara dik id-data; u*
>
> *(b) vetturi M3, minbarra dawk li huma wkoll intiżi biex jġħabbu passiġġieri bilwieqfa, vetturi N2 u N3 manifatturati fl-1 ta' Ottubru, 2001 jew wara dik id-data.*

[4] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti

Jidher li l-vettura mertu tal-kawza skond id-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala VERA a fol 13 jipprovdi li din il-vettura tal-ghamla Peugeot Partner numru ta registrazzjoni DBL 475 giet registrata l-ewwel darba f' Malta fil-25 ta' Mejju 2004. Illi ghalhekk din il-vettura skond dan l-artikolu appena citat ghandha tkun mghamra b'cinturin ta-sigurta fuq is-sedili **KOLLHA**. Ghalhekk kien l-obbligu tal-appellant li jara li l-vettura tkun mghamra b'dan ic-cinturin tas-sigurta. Jirrizulta mix-xhieda ta' PC 31 Mario Farrugia li ma giex kontradett mid-difiza li meta ix-xufier l-appellant gie imwaqqaf huwa ma kienx liebes cinturin tas-sigurta u ghalhekk din l-akkuza hija ben provata.

Fit-tieni akkuza l-appellant qed jigi akkuzat li saq l-istess vettura Peugeot Partner numru ta' registrazzjoni DBL 475 minghajr ma kienet koperta bi polza ta' sigurta. Jirrizulta li l-incident allegatament sehh nhar id-29 ta' Dicembru 2020 u cioe fiz-zmien li kienet tkopri din il-polza kontra ir-riskji ta' terzi. Illi jirrizulta minn esami tal-komparixxi li l-appellant twieled fit-8 ta' Ottubru, 1981 u ghalhekk kellu 'l fuq minn 25 sena meta gie imwaqqaf mill-pulizija. L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Angelo Scuderi** datata 3 ta' Novembru 2005 pero din il-qorti ma taqbilx mar-ragunament hemm imsemmi u dan ghaliex l-artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 104 japplika biss f'kaz li jkun hemm kundanna sabiex l-assikurtur ighamel tajjeb ghad-danni li x-xuffier seta ikkaguna bil-vettura koperta b'dik il-polza. Jinghad li il-proceduri Kriminali u dawk civili ai termini tal-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali ghandhom jinzammu apparti u ghalhekk minkejja li l-assikuratur ikun obbligat li jghamel tajjeb ghad-danni li talvolta jistghu jigu kagunati civilment dan ma jfissirx li x-xufier huwa ezentat mir-responsabilita kriminali tieghu li ikollu licenzja valida tas-sewqan sabiex ikun kopert bil-polza ta' sigurta ai fini tal-proceduri kriminali.

Illi l-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi bl-unika prova magħmula mid-difiża permezz taċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni din kienet teżonera lill-appellat mis-sanzjoni tal-liġi u dan iktar u iktar meta l-artikolu 3 speċifikatament isejjes ir-reita' meta "*għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet*

*ta' din l-Ordinanza."* Illi t-test bl-Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> *Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in <u>force in relation to the user of the vehicle</u> by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance. (enfazi tal-Qorti)*

Id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta'l-assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tagħha, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att. Tant hu hekk illi f'dawk il-każijiet fejn ikun mixli l-persuna li ippermettiet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, huwa jista' jkun eżonerat mir-reita' mhux biss billi jeżebixxi ċertifikat ta'l-assigurazzjoni, iżda irid jipprova ukoll illi r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir, u dan allavolja jkun ippreżenta ċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni biex b'hekk ifisser illi r-responsabbilta' penali tirriżulta meta ma jkunx hemm il-prova illi s-sewqan ikun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni li tkun inħarġet favur is-sewwieq bħala persuna awtorizzata ukoll. F'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi l-appellat jista' jaħrab mir-responsabbilta' penali għal din l-infrazjoni tal-liġi meta huwa evidenti illi l-polza ta'l-assikurazzjoni la inħarġet favur tiegħu u lanqas huwa indikat bħala wieħed mis-sewwieqa awtorizzati fuq l-imsemmija polza.

Illi vettura fit-triq tista' tkun arma ta' periklu b'mod speċjali meta is-sewwieq lanqas ma ikun kopert b'liċenzja valida tas-sewqan. Illi allura l-liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha tkun interpretata b'mod restrittiv, b'kull persuna mixlija bir-reat twieġeb personalment għal-vjolazzjoni minnha kommessa u ma tistax taħrab mis-sanzjoni tal-liġi fil-kamp penali billi tistrieħ fuq it-terz li jkun intrabat taħt il-polza ta'l-assigurazzjoni sabiex ikunu koperti dawk iċ-ċirkostanzi fejn tista' tirriżulta l-ħsara, u dan iktar u iktar meta l-assigurazzjoni imbagħad għandha dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha meta tkun

kostretta bil-liġi tagħmel tajjeb għad-danni konsegwenzjali ikkaġjonati bl-aġir inkriminatorju tal-persuna mixlija bir-reat u dan għaliex l-polza ta'l-assigurazzjoni ma tkunx tkopri dik il-ħsara. (vide **<u>il-Pulizija vs Sean Grima</u>** deciza fit-23 ta' Mejju, 2023 deciza minn din il-Qorti).

Illi pero f'dan il-kaz l-appellant qed jigi akkuzat **<u>mhux</u>** talli ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan izda li l-vettura li kien qed isuq ma kellhiex ir-*road license* imhalsa ghal dak iz-zmien meta gie imwaqqaf. Illi ghalhekk din l-akkuza ma tinpingix fuq il-kwalita tas-sewqan tal-appellant izda timpingi biss fuq il-fatt li l-vettura ma kellhiex *road license*. Din l-akkuza ghalhekk in vista tal-polza esebita ma tirrizultax u ghalhekk l-appellant ghandu ragun fl-agggravju tieghu fir-rigward tat-tieni akkuza.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li l-appellant saq il-vettura numru ta' registrazzjoni DBL 476 fi Triq San Dwardu, Birgu meta ma kellhiex licenzja sabiex tintuza fit-triq (road license) il-qorti rat ix-xhieda moghtija minn PC 31 u cioe li l-vettura ma kellhiex licenzja ta cirkolazzjoni valida (nuqqas ta' road license). Din ix-xhieda ma gietx kontradetta mid-difiza fl-ebda stadju. Anzi konfermata minn Stephen Cachia fl-affidavit tieghu meta jghid li l-licenzja tal-vettura Peugeot Partner numru ta' registrazzjoni DBL 475 kienet skadiet fit-20 ta' April 2020 u mgedda mill-gdid fil-15 ta' Jannar 2021 wara l-incident mertu tal-kawza odjerna. Ghalhekk din it-tielet akkuza tirrizulta ben provata.

Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti qed tilqa in parte r-rikors tal-appell tal-appellant billi qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward it-tieni akkuza billi tiddikjara li ma hiex qed issibu hati taghha, qeda pero tichad ir-rikors tal-appell tal-appellant fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuza stante li din il-Qorti bhal-ewwel Qorti qed issibu hati taghhom. Peress li hemm riforma fis-sentenza din il-Qorti sejra tordna ukoll li jkun hemm modifika fil-piena u cioe minflokk ma tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800) qeda tikkundannah ghal-ewwel u it-tielet akkuza misjub hati sabiex ihallas multa ta' mija u hamsin euro (€150). Tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward tar-raba akkuza.

Qeda ukoll tirrevoka dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perijodu ta' sena mid-data ta 'din is-sentenza

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor. Imħallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**